MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 21/2012

**Saviour Decelis (K.I. 53250M)**

**Maryanne Gauci (K.I. 95951M)**

**Edward Decelis (K.I. 598652M)**

**Edgar Decelis (K.I. 177254M)**

**William Decelis (K.I. 784255M)**

**Maria Buhagiar (K.I. 727039M)**

**Giuseppa Agius (K.I. 580742M)**

**Mary Galea (K.I. 768954M)**

**Jane Sammut (K.I. 798655M)**

**Dolores Azzopardi (Pass. Malti Nru. 821843)**

**Monica Muscat (K.I. 32563M)**

**Victor Agius (Pass. Malti Nru. 597510)**

**Joseph Chetcuti (Pass. Awstraljan Nru M5161291)**

**Maria Dolores Quinn (Pass. Awstraljan Nru. M1777042)**

**John Chetcuti (Licenzja Sewqan Awstraljana Nru. 024325747)**

**Saviour Chetcuti (Pass. Awstraljan Nru. M2545020)**

**Peter Chetcuti (Pass. Awtraljan Nru. 28368104)**

**Victor Chetcuti (Licenzja Sewqan Awstraljana Nru. 032214134)**

**Jane Vasjuta (Pass. Awtraljan Nru. M84244413)**

**vs**

**Direttur Generali Tmexxija tal-Propjeta' tal-Gvern**

**Avukat Generali.**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

1. Illi huma lkoll successuri fit-titolu tal-mejjet Salvatore Decelis li, permezz ta' kuntratt ta' akkwist redatt fl-atti tan-Nutar Emanuele Pio Debono tas-27 ta' Settembru tas-sena 1918 – kopja hawn annessa u mmarkata Dok A kien proprjetarju ta' medda art li tinsab fl-inhawi maghrufa bhala tas-Saghjtar, in-Naxxar;

2. Illi l-art de quo hija dik indikata fiz-zewg pjanti hawn annessi u mmarkati Dok B u Dok C;

3. Illi ai termini tal-Att dwar Arei ghall-Izvillupp tal-Bini (1983) b'rezoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati fis-seduta 115 ta' l-4 ta' Lulju, 1983 u ppublikata skond l-artikolu 3(7) tal-istess Att l-istess art giet iddikjarata bhala Area ta' Zvillupp tal-Bini (vide Dok D);

4. Illi l-esponenti jew il-predecessuri taghhom skond il-Ligi qatt ma nghataw kumpens gust u xieraq ghat-tehid effettiv tal-proprjeta' taghhom;

5. Illi minkejja li l-intimati gew interpellati b'ittra gudizzjarja sabiex jinghataw kumpens.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jiffissa kumpens gust u xieraq pagabbli, flimkien mal-imghax legali, pagabbli lill-esponenti u jakkorda kwalunkwe rimedju permess mill-ligi lilhom.

Taht dawk il-provedimenti kollha li l-istess Bord jidhirlu xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati jew mill-liema minnhom.

Ra wkoll ir-risposta tad-Direttur Generali Tmexxija Proprjeta' tal-Gvern li tghid hekk:

Illi huwa gie notifikat bir-rikors li ressqu r-rikorrenti nhar il-25 ta' Settembru, 2012.

Illi fl-ewwel lok jirrileva illi l-intimat mhux legittimu kontradittur f'din il-kwistjoni.

Illi l-esponent jirrileva illi sabiex tkun tista' ssir procedura ta' esprorju u hlas ta' kumpens, mhux biss fil-kaz ta' bini esproprjat taht l-Att dwar Arei ghall-Izvillupp tal-Bini (1983) izda f'kull kaz ta' esproprju, il-Kummissarju tal-Art jipprocedi biss wara li jkun infurmat bi provi dokumentarji dwar min huma s-sidien tal-art inkwistjoni.

Illi la darba l-Kummissarju tal-Artijiet ikollu konferma tat-titolu huwa joffri l-kumpens li jqis gust ghall-esproprjazzjoni.

Illi l-Kummissarju tal-Artijiet jesigi li l-partijiet li qeghdin jippretendu kumpens ghal art li allegatament giet esproprjata mill-pussess taghhom, jipprovdu parir legali minn avukat bit-titolu fuq din il-proprjeta', u ghalkemm dan il-parir jorbot lill-avukat firmanti bl-akkuratezza ta' dak dikjarat minnu, xorta wahda jrid jigi rivedut mid-Dipartiment tal-Artijiet – liema procedura tiehu z-zmien taghha.

Illi l-esponent jirrileva illi ghalkemm l-atturi qeghdin jghidu li din l-art ilha li ttiehdet mill-pussess  tal-familja taghhom sa mill-1984, hu biss issa li qeghdin iressqu xi forma ta' talba ghall-kumpens, u dan minghajr ma qatt gabu xi prova tat-titolu li ghandhom fuq din l-art fid-Dipartiment tal-Artijiet.

> Illi r-realta’ ta’ artijiet esproprjati taht l-Att dwar Arei ghall-Izvilupp tal-Bini tal-1983 hi li tali artijiet ghandhom jigu meqjusa bhala artijiet agrikoli, b’valur stabbilit skont kemm kienet tiswa l-art meta giet espropjata.
>
> Ghaldaqstant, l-esponent jixtieq jigbed l-attenzjoni tal-atturi ghall-fatt illi sabiex il-procedura ghall-hlas ta’ kumpens tkun tista’ titkompla, huma jridu jgibu prova tat-titolu li ghandhom fuq l-artijiet esproprjati.

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidra:

Illi din hija sentenza dwar l-eccezzjonijiet preliminari sollevati minn wiehed mill-intimati, d-Direttur Generali Tmexxija tal-Propjeta tal-Gvern li huma tnejn. Fl-ewwel eccezzjoni tieghu, l-intimat jghid li mhuwiex il-legittimu kontradittur. Tajjeb ghalhekk li jkunu ezaminati d-disposizzjonijiet tal-ligi li bis-sahha taghhom jistghu jkunu promossi kawzi simili. Fl-ewwel lok huwa evidenti illi din hija kawza sabiex ikun iffissat kumpens xieraq ghat-tehid ta’ art mill-awtoritajiet li r-rikorrenti jikkontendu li kienet tappartjeni lilhom. Din l-art ttiehed in forza tal-Att I tal-1983 wara li kienet dikjarat bhala Area ta’ Zvilupp tal-Bini fit-termini tal-istess att. Jipprexxindi minn dan illi r-rikorrenti kellhom jaghmlu rikors ghall-procediment taht l-istess att fejn hemm ravvizata l-procedura li ghandha tkun segwita;

L-artikolu 5(3) tal-Att I tal-1983 jipprovdi hekk: “*Kull persuna li jkollha jedd fuq jew interess fl-art li ghalija japplika dan l-artikolu, ikollha l-jedd li tmur quddiem il-Bord ta’ Arbitragg dwar Artijiet u l-Qorti Civili Prim’Awla sabiex jigi deciz il-jedd taghha fuq jew l-interess f’dik l-art, l-ammont ta’ kull kumpens li jista’ jkollha jedd ghalih u sabiex tikseb il-hlas ghal dik il-kumpens”.* Jissokta dan l-artikolu billi jipprovdi illi “*d-disposizzjonijiet kkollha tal-ligi dwar il-proceduri quddiem il-Bord ta’ Arbitragg ta’ Artijiet….. ghandhom mutatis mutandis, japplikaw ghal-proceduri li jittiehdu minn dik il-persuna quddiem il-Bord ...”;* Naturalment issir issa referenza ghall-Kapitolu 88

tal-ligijiet ta’ Malta, l-Ordinanza dwar il-Bord ta’ Arbitragg Dwar Artijiet li ghalih jirreferi l-Att I tal-1983. F’dan il-kapitolu hemm ravvizata l-procedura li testendi mill-identifikazzjoni tal-art li tkun intiza ghat-tehid, it-tehid inniffsu u l-prokediment ghall-kumpens xieraq f’kaz li l-awtorita’ kompetenti u l-esproprijat ma jaqblux fuq il-valur li ghandu jkun percepit ghal dak it-tehid. Fit-termini tal-artikolu 22(6) meta l-esproprijat ma jaccettax il-kumpens offert mill-awtorita’ kompetenti, dik il-persuna tista’ taghmel rikors quddiem il-Bord sabiex ikun stabilit x’ikun il-kumpens xieraq li ghandu jithallas. Kollox fl-Att jindika illi dak ir-rikors ghandu jkun prezentat kontra l-awtorita’ kompetenti u dan isegwi mill-fatt illi hija biss l-awtorita’ kompetenti li tista’ tesproprija art, taqbel jew ma taqbilx ma’ offerta ta’ kumpens, tiddepozita l-kumpens f’kont bankarju u jintima lill-esproprijat bl-offerta ta’ hlas u tinnotifika b’kopja tad-Dikjarazzjoni tal-President dwar l-espropriju. Issa, fit-termini tal-artikolu 2 tal-Kap 88, l-“awtorita’ kompetenti” tfisser il-Kummissarju tal-Artijiet. Dan wahdu jeskludi kull awtorita’ jew persuna rapprezentanti ta’ xi awtorita’ ohra u la darba l-ligi specjali trid li kull kaz ghal kumpens quddiem dan il-Bord ghandu jkun dirett lejn l-awtorita’ ma hemm l-ebda xelta miftuha ghal dik il-parti li jehtigilha tirrikorri ghal procedura bhal dik odjerna;

Issa, ghalkemm jista’ jaghti l-kaz illi minn zmien ghal zmien l-Esekuttiv jiddelineja poteri amministrattivi godda u anke karigi godda fil-varji dipartimenti, sakemm ma jsir ebda tibdil fil-ligi specjali, hija dik li tiddetermina, f’dan il-kaz, il-persuna kontra min trid issir il-procedura ghal-kumpens;

Ghalhekk ir-rikorrenti kienu zbaljati meta intavolaw dawn il-proceduri kontra id-Direttur Generali Tmexxija ta’ Proprjeta’ tal-Gvern u bhala konsegwenza il-Bord ser jghaddi biex jilqa’ l-eccezzjoni sollevata mill-intimat. Issa ghalkemm l-Avukat Generali ma wiegibx ghar-rikors bhala ko-intimat, izda din il-kwistjoni ghandha tkun sollevata minn dan l-istess Bord stante li hi wahda ta’ ordni pubbliku. L-kunsiderazzjonijiet maghmula *supra* huma applikabbli ukoll ghal fatt illi r-rikorrenti kjamat in gudizzju lill-Avukat Generali meta dan l-ufficcju ma ghandu l-ebda rwol fl-espropiju tal-artijiet u kumpens ghal daqshekk fit-termini tal-Kapitolu 88;

Ghal dawn il-motivi, l-Bord qed jilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-intimat u qed jillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------